# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 136/2017 MH**

**Illum, 31 ta' Jannar 2018**

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177)**

**vs**

**PDK Financial Services Limited (C18054)**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors guramentat tal-Bank attur tal-14 ta' Frar 2017** permezz ta' liema ppremetta:

*"Illi permezz tal-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar Dottor John Debono datat 12 ta' Mejju 2011 (Dok HSBC '1') u rez ezekuttiv permezz ta' ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 256 (2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta (Dok 'B') u notifikata lis-socjeta' intimata fit-12 ta' Settembru 2012, PDK Financial Services Limited kkostitwiet ruhha bhala debitrici tas-socjeta' rikorrenti;*

*Illi wara li saru diversi pagamenti, s-socjeta' intimata baqghet debitrici tas-socjeta' rikorrenti u ghaddew izjed minn hames snin mid-data ta' l-istess kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu u issa s-socjeta' HSBC Bank Malta p.l.c. qieghed titlob l-awtorizzazzjoni skond l-Artikolu 258 ta' l-istess Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) tal-Ligijiet ta' Malta sabiex tesegwixxi dan l-istess titolu kontra s-socjeta' intimata PDK Financial Services Limited ghal bilanc li ghadu dovut;*

*Ghalhekk is-socjeta' rikorrenti previa kull dikjarazzjoni u provvediment opportun, titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti tawtorizza lis-socjeta' rikorrenti tghaddi ghall-esekuzzjoni tal-istess titolu esekuttiv fuq imsemmi stante li ghaddew izjed minn hames snin mid-data ta' l-istess kuntratt u li d-dejn ghadu mhuwiex saldat kollu u dan ai termini tal-Artiklu 258 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta minn fejn jirrizulta li r-rikorrent ghandu: "jikkonferma bil-gurament x-xorta tad-dejn ...li jkun l-esekuzzjoni taghha u li d-dejn jew parti minnu jkun ghadu dovut."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors guramentat li jikkonsistu fis-segwenti:

(i) kopja tal-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu msemmi tat-12 ta' Mejju 2011[1];

(ii) kopja tal-ittra ufficjali tas-7 ta' Settembru 2012 permezz ta' liema l-kuntratt in kwistjoni gie rez esekuttiv[2].

Rat illi s-socjeta' konvenuta debitament notifikata permezz tal-procedura tal-affissjoni ai termini tal-artikolu 187 (3) tal-Kap 12[3] baqghet kontumaci.

[1] Fol 2 et seq
[2] Fol 5
[3] Fol 21-23

Rat illi waqt is-seduta tat-22 ta' Novembru 2017 id-difensur tal-Bank attur irrileva li d-dejn relattiv ghat-titolu ezekuttiv li tieghu qed tintalab il-proroga, l-estensjoni taghha ghadu dovut lil Bank attur kif jidher fir-rikors mahluf.

Ezaminat l-atti tar-rikors guramentat odjern;

Ezaminat l-artikolu 258 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Billi t-talba dedotta fir-rikors guramentat tirriżulta pruvata.

**Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

**1. Tilqa' t-talba tal-Bank attur u tawtorizzah jghaddi ghall-esekuzzjoni tat-titolu esekuttiv fuq imsemmi stante li ghaddew izjed minn hames snin mid-data tal-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu tat-12 ta' Mejju 2011 u d-dejn ghadu mhuwiex saldat kollu u dan ai termini tal-Artiklu 258 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**2. L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom ikunu a karigu tas-socjeta' konvenuta.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reg.**